

Brussell, 10 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

15226/15

PUBLIC 84
INF 203

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - SETTEMBRU 2015

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2015.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att legiſlattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2015

Proċedura bil-miktub li ntemmet fit-2 ta' Settembru 2015

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1488 tat-2 ta' Settembru 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 229, 3.9.2015, p. 12–15	11548/15
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1485 tat-2 ta' Settembru 2015 li jimplimenta l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 229, 3.9.2015, p. 1–4	11551/15

Proċedura bil-miktub li ntemmet fl-4 ta' Settembru 2015

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 2015 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 ĠU C 295, 8.9.2015, p. 2–2	10471/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-Kunsill ser jeżamina bir-reqqa l-ittra emendatorja għall-agrikoltura (li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul assenjat) sabiex jivvaluta kif xieraq il-livell ta' riżorsi taħt l-intestatura 2 (Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali) fil-baġit tal-2016.

F'konformità mad-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015-2016, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiskrutinizza mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programmi tal-2014-2020. Għal dak il-għan, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex fil-mument opportun tippreżenta ċ-ċifri aġġornati rigward l-istat attwali u l-estimi dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-2016 bil-ħsieb li tippermetti lill-awtorità baġitarja tiegħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa fi żmien debitu għal ħtiġijiet ġustifikati.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar tnaqqis ta' 5 % tal-persunal

Il-Kunsill ifakkar fil-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li progressivament inaqqsu 5 % tal-persunal kif hemm fit-tabella tal-persunal fl-1 ta' Jannar 2013, li għandu jsir bejn l-2013 u l-2017, kif imniżżel fil-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-Kunsill jieħu nota tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-progress lejn il-mira tat-tnaqqis ta' 5 % tal-persunal diġà miksub sal-lum minn għadd ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kollha biex ikomplu jimplimentaw il-bqija tat-tnaqqis tal-persunal sa tmiem il-perijodu ta' ħames snin 2013 2017, kif ippreżentat fit-tabella fl-Anness 1. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi wkoll data globali komparabbli għall-aġenziji deċentralizzati u eżekuttivi f'dik il-preżentazzjoni.

Il-Kunsill ifakkar li s-sena fil-mira għall-implimentazzjoni sħiħa ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal qed toqrob. Għalhekk iħeġġeġ bil-qawwa lill-istituzzjonijiet li għadhom lura fl-implimentazzjoni tat-tnaqqis meħtieġ tal-persunal biex iżidu l-isforzi tagħhom bil-għan li tintlaħaq il-mira ta' 5 % sal-2017.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-monitoraġġ mill-qrib tal-appropriazzjonijiet għall-kategoriji kollha ta' persunal estern, fl-isfond tal-kapaċità addizzjonali li tirriżulta miż-żieda fil-ħin tax-xogħol għal 40 siegħa fil-ġimgħa. Jilqa' l-perspettiva ġenerali mill-Kummissjoni tad-data konsolidata dwar il-persunal estern kollu impjegat mill-Unjoni, mogħtija fl-Anness 2, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament Finanzjarju. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità baġitarja meta tippreżenta l-abbozz tal-baġits tagħha għas-snin li ġejjin.

Il-Kunsill jissottolinja li l-progress lejn il-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal għandu jgħin biex jinkiseb iffrankar fl-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet.

KARIGI TAT-TABELLA TAL-PERSUNAL – L-ISTITUZZJONIJIET KOLLHA										
Evoluzzjoni sal-lum fir-rigward tal-mira tat-tnaqqis ta' -5 % fuq ħames snin 2013-2017										
Istituzzjonijiet	Baġit 2012 ¹	Mira tat-tnaqqis 2013-2017 -5%	Mira ta' referenza annwali² -1%	Implimentazzjoni tat-tnaqqis ta' karigi³					Distanza li fadal għall-mira ta' -5 %	
				2013	2014	2015	2016	Total	Karigi	Punti %
Parlament Ewropew	6 618	-331	-66	59	-17	-47	-9	-14	317	4,8%
Kunsill Ewropew u Kunsill	3 136	-157	-31	-46	-42	-22	-32	-142	15	0,5%
Kummissjoni	25 073	-1 254	-251	-250	-250	-263	-252	-1015	239	1,0%
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	1 952	-98	-20	-20	-20	-7	-20	-67	31	1,6%
Qorti tal-Awdituri	885	-44	-9	-9	-9	-9	-9	-36	8	0,9%
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	685	-34	-7	-7	-7	-7	-7	-28	6	0,9%
Kumitat tar-Reġjuni	500	-25	-5	-	-5	-5	-7	-17	8	1,6%
Ombudsman Ewropew	64	-3 ⁴	-1	-	-	-1	-1	-2	1	1,9%
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	43	-2 ⁴	-	-	-	-1	-1	-2	0	0,3%
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	1 679	-84	-17	-	-17	-17	-17	-51	33	2,0%
Total tal-istituzzjonijiet	40 635	-2 032	-407	-273	-367	-379	-355	-1 374	658	1,6%

¹ Karigi awtorizzati għall-2012 minbarra t-tkabbir tal-Kroazja (140 kariga) bl-aġġustamenti li ġejjin:

- 60 kariga żdiedu fil-Parlament Ewropew u tnaqqsu mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (-36) u mill-Kumitat tar-Reġjuni (-24) sabiex jiġi rifless l-impatt tal-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmit fil-5 ta' Frar 2014 bejn dawk l-istituzzjonijiet.
- ġew ittrasferiti 10 karigi mill-Kunsill għas-SEAE fl-2014.
- ġew ittrasferiti 2 karigi mis-SEAE għall-Kummissjoni (PMO) fl-2014.
- ġiet ittrasferita 1 kariga mill-Qorti tal-Awdituri għall-Kummissjoni (PMO) fl-2015.
- ġiet ittrasferita 1 kariga mill-Kunsill għas-SEAE fl-2015.
- ġew ittrasferiti 6 karigi mill-Kunsill għall-Kummissjoni (PMO) fl-2015.
- ġew ittrasferiti 2 karigi mill-Parlament Ewropew għall-Kummissjoni fl-2016.
- ġiet ittrasferita 1 kariga mill-Qorti tal-Awdituri għall-Kummissjoni fl-2016.

² Projezzjoni lineari fuq 5 snin ta' 1 % kull sena, ċifri mqarriba.

³ Sorsi: baġits awtorizzati 2013, 2014 u 2015 (inklużi l-baġits emendatorji), abbozz tal-baġit tal-2016.

⁴ Sa tmiem l-2017, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huma mistennija li jnaqqsu l-għadd tal-karigi tagħhom bi 3 u bi 2 rispettivament.

EVOLUZZJONI TAL-PERSUNAL ESTERN FL-ISTITUZZJONIJIET KOLLHA 2012 - 2016																
Istituzzjoni	B2012		B2013		B2014		B2015		AB2016		Evoluzzjoni 2016 / 2015			Evoluzzjoni 2016 / 2012		
	EUR (miljun)	FTE	EUR (miljun)	FTE	EUR (miljun)	FTE	EUR (miljun)	FTE	EUR (miljun)	FTE	EUR	FTE	% FTE	EUR	FTE	% FTE
Parlament Ewropew	220,9	6.675	217,7	6.854	231,0	7.515	237,3	7.253	253,8	7.824	7,0%	571	7,9%	14,9%	1.149	17,2%
Kunsill Ewropew u Kunsill	8,9	220	10,7	240	9,9	234	10,2	234	10,2	234	0,6%	0	0,0%	15,1%	14	6,4%
Kummissjoni	452,6	8.570	455,5	8.412	448,9	8.313	449,2	8.162	454,0	8.040	1,1%	-123	-1,5%	0,3%	-530	-6,2%
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	5,2	142	6,1	158	6,2	163	6,4	171	6,7	177	4,9%	6	3,6%	29,9%	36	25,1%
Qorti tal-Awdituri	3,5	77	3,5	74	3,4	69	3,5	71	3,9	76	10,7%	5	7,7%	9,7%	-1	-1,2%
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	2,7	51	2,7	50	2,5	47	2,6	47	2,5	46	-1,4%	-1	-2,6%	-6,7%	-5	-9,4%
Kumitat tar-Reġjuni	2,6	88	2,6	88	2,5	88	2,5	55	2,7	59	7,6%	4	7,7%	3,0%	-29	-33,0%
Ombudsman Ewropew	0,2	4	0,3	6	0,4	9	0,5	10	0,5	11	4,8%	1	5,0%	143,8%	7	162,5%
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	0,3	7	0,4	8	0,4	8	0,4	9	0,4	9	4,9%	0	0,0%	40,8%	2	28,9%
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	79,2	1.816	83,1	1.853	80,6	1.894	81,3	1.828	85,9	1.760	5,6%	-68	-3,7%	8,5%	-56	-3,1%
Total tal-istituzzjonijiet	776,1	17.649	782,6	17.743	785,7	18.338	793,8	17.840	820,6	18.235	3,4%	396	2,2%	5,7%	586	3,3%

Dikjarazzjoni unilaterali minn Ċipru

Rigward "l-intestatura 4: Ewropa Globali – Strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Torka-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni "- linja tal-baġit 13 07 01, Ċipru jixtieq itenni t-talba tiegħu u l-appoġġ qawwi għal żieda tal-appropriazzjonijiet allokatu għall-oġġettiv ta' "Rikonċiljazzjoni u Miżuri ta' Bini ta' Fiduċja". Taħt dan l-oġġettiv, li jinżamm l-istess livell ta' finanzjament bħal fis-snin preċedenti għall-appoġġ tal-ħidma umanitarja tal-Kumitat għal Persuni Mitlufa (CMP) huwa ta' importanza vitali u għandu importanza politika kbira fil-qafas tal-isforzi biex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni ta' Ċipru.

It-3407 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fi Brussell fl-14 ta' Settembru 2015	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi li ma ttiēdet ebda azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009	9453/15
Deċiżjoni (UE) 2015/1872 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ĠU L 275, 20.10.2015, p. 30–31	11556/15
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Grupp ta' Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali fir-rigward tat-tibdil fil-klima u l-krediti għall-esportazzjoni (grilji intelliġenti)	11698/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali 2014 tal-Eurojust	10862/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016 dwar standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi fl-Unjoni Ewropea	10371/1/15 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal ftehim ta' eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi	11600/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1522 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova għall-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwisti Pubbliċi ĠU L 239, 15.9.2015, p. 144–145	10631/15

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1521 tal-14 ta' Settembru 2015 li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/320/PESK b'appoġġ għas-sigurtà fiżika u l-attivitàjiet relatati mal-ġestjoni tal-ħażniet biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Libja u r-reġjun tagħha ĠU L 239, 15.9.2015, p. 142–143	9878/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1524 tal-14 ta' Settembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 239, 15.9.2015, p. 157–189	11680/15
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1514 tal-14 ta' Settembru 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 239, 15.9.2015, p. 30–62	11685/15
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ta' kriżijiet	9349/15
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ta' kriżijiet	9354/15 REV 1
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-ġhoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Françiża ĠU L 244, 19.9.2015, p. 55–57	5420/15

Deċiżjoni tal-Kunsill li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2015/... dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	11467/15
It-3408 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI) li saret fi Brussell fl-14 ta' Settembru 2015	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar allerti fis-SIS bil-għan li jiġu rifjutati d-dħul u s-soġġorn skont l-Artikolu 24 tar-Regolament SIS II wara deċiżjoni ta' ritorn	11648/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146–156	11161/15
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Minħabba n-natura eċċezzjonali, urġenti u temporanja tad-Deċiżjoni u l-fatt li l-Kunsill qabel li jirriloka ċ-ċifra proposta ta' 40 000 persuna fil-bżonn ċar ta' protezzjoni, il-Kummissjoni mhix ser toġġezzjona għat-tħassir tal-koeffiċjent ta' tqassim mid-deċiżjoni. Il-Kummissjoni tosserva li d-Deċiżjoni adottata mill-Kunsill ma żżommx it-tqassim obbligatorju bejn l-Istati Membri tal-applikanti li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, kif propost fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni u approvat mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni tenfasizza li skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, mal-40 000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u mill-Greċja fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jikkontribwixxu billi jikkonformaw ma' dan l-oġettiv malajr kemm jista' jkun. Din il-pożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri addizzjonali għar-rilokazzjoni (COM (2015) 451).	

It-3409 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fi Brussell fit-18 ta' Settembru 2015**ATTI LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Pożizzjoni (UE) Nru 13/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox inkluż u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE ĠU C 360, 30.10.2015, p. 1–36	9173/15 9173/15 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: BE, EE, IE, MT, NL, AT, SK

Dikjarazzjoni mill-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda, Malta, in-Netherlands u s-Slovakkja

1. Aħna nirrikonoxxu li d-Direttiva l-qadima dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) teħtieġ li tiġi riveduta minħabba bidliet kbar fis-suq tal-ivvjaġġar. Aħna nappoġġaw it-titjib tal-ħarsien tal-konsumatur, fejn meħtieġ, pereżempju fil-qasam tal-pakketti dinamiċi. Aħna nappoġġaw ukoll il-protezzjoni mill-insolvenza fir-rigward tal-pakketti.
2. Madankollu, għandna tħassib dwar il-mod kif din ir-reviżjoni ħadmet. Jeħtieġ li r-Regolament ikun intelliġenti u awtospjegattiv u għandu jkun infurzabbli. Għandna dubji serji kemm dan huwa l-każ b'din il-proposta.
3. L-ewwel punt li rridu nqajmu jirrigwarda l-livell ta' armonizzazzjoni. Id-direttiva tiddikjara li l-mira hija l-armonizzazzjoni massima. Madanakollu, fir-realtà hemm diversi klawżoli ta' abilitazzjoni mdaħħla li jippermettu derogi jew għażliet ta' kull tip. Din mhix it-triq 'il quddiem għall-ħolqien ta' suq intern għal vjaġġi kollox kompriż.
4. It-tieni punt huwa dan li ġej: għalkemm nirrikonoxxu li hemm differenza bejn pakkett, arranġament tal-ivvjaġġar marbut (LTA) u servizzi ta' vjaġġ uniku, il-problema reali hija li l-fornituri u/jew il-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji mill-fatt li jkunu qed ibiegħu/jixtru pakkett, LTA jew l-ebda wieħed minn dawn jew it-tnejn li huma. Madankollu, fl-ewwel żewġ każijiet, kull tip ta' dritt u obbligu legali qed isir applikabbli u f'dawk il-każijiet fornitur irid jieħu protezzjoni mill-insolvenza. Biex l-affarijiet isiru aktar ikkomplikati, japplikaw protezzjonijiet differenti skont il-prodott mibjugħ li fl-aħħar mill-aħħar jista' anke jirriżulta fl-istess protezzjoni tittieħed darbtejn, li ovvjament għandu impatt fuq il-prezz li l-vjaġġatur ikollu jħallas.

5. Punt ieħor huwa li l-industrija tat-turiżmu tikkonsisti prinċipalment minn għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Dawn l-SMEs ser iġorru l-piż tal-problemi konnessi ma' pakketti, LTAs u servizzi tal-ivvjaġġar mibjugħin separatament. F'każijiet speċjali jistgħu anke jkunu obbligati jieħdu protezzjoni mill-insolvenza f'isem fornitur ferm akbar minnhom. Rigward dan il-punt, huma importanti wkoll kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' operatori minn pajjiżi terzi. Madankollu, ir-rekwiżit ta' protezzjoni mandatorja mill-insolvenza għal operatori ta' pajjiżi terzi mhux infurzabbli u għalhekk jista' jidher distorsjoni fil-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-potenzjal tal-proposta li jkollha impatt negattiv fuq is-servizzi tal-linji tal-ajru huwa wkoll ta' tħassib, b'mod partikolari għall-Istati Membri li s-settur turistiku tagħhom huwa aktar dipendenti fuq it-trasport bl-ajru. Minħabba dan kollu aħna nibzgu li din il-proposta mhux ser tikkontribwixxi għal industrija tat-turiżmu aktar b'saħħitha.

6. Fil-fehma tagħna, aspetti ta' din il-proposta huma konfliġġenti mal-għanijiet tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali li qed tipprova tegħleb l-ostakli għall-użu sħiħ tal-internet u t-teknoloġiji diġitali għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji. Hemm il-periklu li l-proposta toħnoq l-innovazzjoni u xxekkel il-kompetittività tas-settur tat-turiżmu tagħna u fl-aħħar mill-aħħar toħloq prezzijiet oġhla u inqas għażla għall-konsumaturi.

7. Dan kollu ta' hawn fuq jindika li l-proposti ta' kompromess ma jikkontribwixxux għal soluzzjoni vijabbli u infurzabbli. Lanqas ma hija tikkontribwixxi għal industrija tat-turiżmu b'saħħitha u prospera, industrija ddominata minn SMEs. Għaldaqstant aħna ma nistgħux nappoġġaw din il-proposta.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Leġislazzjoni ċara, sempliċi, Prattika u meħtieġa għandha tkun ċentrali fit-tfassil tal-politika tal-UE. Dan huwa ta' importanza speċjali għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li normalment ma jkollhomx il-mezzi għal għarfien espert legali avvanzat u għaldaqstant ħafna drabi jbatu biex iżommu kont tat-tibdiliet leġislattivi. F'dan is-sens, ir-regolamentazzjoni intelliġenti għandha rwol kruċjali għall-kondizzjonijiet tal-qafas ekonomiku tagħna.

Is-settur tat-turiżmu jikkontribwixxi sehem sostanzjali għall-PDG Awstrijak u għalhekk huwa ta' importanza ekonomika kbira. Għad għandna dubji serji dwar it-test finali u nibzgu li dan jipprovdi konsegwenzi serji għal fornituri ta' akkomodazzjoni żgħar u ta' daqs medju.

Il-fornituri ta' servizz li joffru akkomodazzjoni ta' sikwit jittrattaw deċiżjonijiet tal-klijenti għal ċerti servizzi separati wara li l-konsumatur ikun diġà qabel li jħallas l-akkomodazzjoni mingħajr ċertu offerta mill-fornitur tas-servizz. Dawn il-kwistjonijiet tqajmu ta' spiss minn AT fuq il-livell tekniku u dak politiku, saħansitra bil-miktub. Madanakollu, il-formulazzjoni finali għada mhix ċara biżżejjed.

Għalhekk, l-Awstrija ma tistax tappoġġa l-abbozz ta' direttiva propost.

Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1–5	32/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: BG, HR, CY, HU, PL, RO
Dikjarazzjoni mill-Finlandja Il-Finlandja tappoġġa l-istabbiliment ta' Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq li għandha l-potenzjal li ssaħħa l-effettività tal-Iskema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet u żżid l-abbiltà tagħha li tadatta għal xokkijiet esterni. L-Iskema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet għandha toħloq prevedibbiltà għas-swieq u l-livell limitu għal interventi u t-tiġdid ta' termini ta' negozjar għandu jibqa' għoli. Il-prevedibbiltà hija ta' importanza kruċjali għal investimenti fl-enerġija u għalhekk huwa essenzjali li r-regoli miftiehma tar-Riżerva jkunu ċari, dejjiema u mhux ambigwi. Il-Finlandja tenfasizza l-ħtieġa li tiggarrantixxi l-kompetittività globali tal-industriji Ewropej li jużaw ħafna enerġija. B'rabta ma' dan huwa importanti li r-reviżjoni li ser issir tal-Iskema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet tħares lejn l-impatt tar-Riżerva fuq it-tkabbir, l-impjiegi, il-kompetittività industrijali tal-Unjoni Ewropea u fuq ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Huwa importanti wkoll li jitqies il-ħolqien ta' sistema fuq il-livell tal-UE biex tikkumpensa għall-ispejjeż indiretti tal-Iskema tal-UE ta' Negozjar tal-Emissjonijiet għal industriji li jużaw ħafna enerġija. Barra minn hekk il-Finlandja tenfasizza li għandha titqies il-promozzjoni ta' investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju fl-Istati Membri f'finanzjament futur tal-UE fl-innovazzjoni. Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni - F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 ir-reviżjoni tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) ser tikkunsidra, inter alia, jekk kwoti mhux allokat għandhomx jintużaw biex jiġi indirizzat ir-riskju tat-tnixxija ta' emissjonijiet tal-karbonju. - L-eżenzjoni temporanja prevista fl-Art. 1.3, it-2 subparagrafu ma tikkostitwixxix preċedent għar-reviżjoni tal-ETS.			

Dikjarazzjoni konġunta mill-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija

Il-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija ma jistgħux jappoġġaw it-test ta' kompromess finali b'rabta mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d- Direttiva 2003/87/KE.

Il-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija jappoġġaw il-miżuri meħtieġa u xierqa kollha li għandhom l-għan li jindirizzaw l-għadd ta' kwoti u krediti internazzjonali fuq is-suq tal-Iskema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet. Madankollu dawn l-Istati Membri huma tal-fehma li miżuri bħal dawn għandhom jiżguraw il-prevedibbiltà dejjiema għall-parteċipanti fis-suq u għandhom ukoll jirrispettaw bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew b'rabta mal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija.

Il-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija huma ferm kontra li r-riżerva tal-istabbiltà tas-suq tibda titħaddem qabel l-2021. Fil-fehma tagħna, it-tħaddim bikri tar-riżerva (mill-2019) flimkien mat-tqegħid ta' kwoti posposti u mhux allokatidirettament fir-riżerva mhux biss ser ibiddlu l-qafas legali attwali tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija 2010-2020, iżda ser idgħajfu serjament il-prevedibbiltà tas-suq tal-karbonju għall-industrija wkoll.

Barra minn hekk, it-trasferiment ta' 900 miljun kwoti posposti direttament fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq ser jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti tal-limitu tal-Iskema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE għall-perijodu 2013-2020 u b'hekk iżid il-mira ta' tnaqqis ta' 20 % tal-emissjonijiet li laħaq qbil dwaru l-Kunsill Ewropew fl-2007 u kkonferma mill-ġdid fl-2008.

Ta' min wieħed ifakkar ukoll li skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, l-istrument ewlieni Ewropew biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ser ikun Skema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet riformata u li taħdem sew bi strument biex jistabbilizza s-suq skont il-proposta tal-Kummissjoni, li ssuġġeriet l-2021 bħala s-sena meta tidħol fis-seħħ ir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq. F'dan il-kuntest il-kompromess finali jikkontradixxi dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

F'dan il-kuntest il-kompromess finali jikkontradixxi dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Din id-deċiżjoni ser taffettwa sostanzjalment l-għażla tal-Istati Membri bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom, aħna tal-fehma li għandha tiġi soġġetta għall-unanimità fil-Kunsill skont il-proċedura leġislattiva speċjali u wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew fuq il-bażi tal-Artikolu 192(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Polonja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija huma kompletament konvinti li l-mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-eċċess fil-kwoti ser ikollu impatt sinifikanti fuq is-suq tal-Iskema tal-UE ta' Negożjar tal-Emissjonijiet. Il-kontroll tal-provvista ta' kwoti permezz tal-volum tal-irkant ser ikollu konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u finanzjarji konsiderevoli għall-Istati Membri kif ukoll għall-industrija esposta għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju. Minkejja talbiet ripetuti matul in-negożjati, il-Valutazzjoni tal-Impatt tonqos milli tispeċifika l-iskala possibbli tal-impatti potenzjali bħal fuq il-prezz tal-kwoti, fuq il-prezz tal-elettriku u aspetti soċjali u ekonomiċi oħra, inklużi b'mod speċjali dawk marbutin mal-emendi introdotti matul in-negożjati fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Għalhekk ma nistgħux nappoġġaw il-qbil finali li ntlaħaq mingħajr ma ttieħed kont sħiħ tal-impatti diretti u indiretti u jwassal għal nuqqas ta' trasparenza u inċertezza legali għal parteċipanti fis-suq tal-Iskema ta' Negożjar tal-Emissjonijiet.

Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE u 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 98/59/KE u 2001/23/KE tal-Kunsill fir-rigward tal-baħħara (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 263, 8.10.2015, p. 1–5	33/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: MT
--	-------	------------------------	---

Dikjarazzjoni minn Malta

Malta tappoġġa bis-sħiħ l-għan tad-Direttiva emendatorja li jittejbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol tal-baħħara, u li tiżdied l-attraenza ta' impjiegi marittimi. Madankollu, hija tikkunsidra li l-estensjoni tal-istess qafas legiſlattiv tal-UE applikabbli għal ħaddiema bbażati fuq l-art għall-baħħara ma jkunx l-aħjar mezz sabiex jintlaħqu dawn għanijiet. Fit-trasport marittimu, regoli u Konvenzjonijiet maqbula internazzjonalment, b'mod partikolari mill-IMO u l-ILO, u r-ratifika, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi madwar id-dinja tagħhom, huma meħtieġa biex jiġu żgurati l-istess kondizzjonijiet għal kulħadd fid-dinja kollha għal trasport marittimu bla periklu, sigur u li jirrispetta l-ambjent, għall-protezzjoni tal-baħħara u biex tkun żgurata l-kompetittività dejjiema tal-industrija marittima tal-UE. L-uniku mod biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-baħħara tal-UE huwa li jiġu adottati politiki globali aktar milli miżuri reġjonali li jistgħu jwasslu għal bdil tal-istat tal-bandiera u li tiddgħajjef il-possibbiltà li jiġu implimentati u nfurzati r-rekwiżiti relatati mat-trasport marittimu tal-UE abbord il-bastimenti.

Malta tikkontesta wkoll li l-adozzjoni tad-Direttiva tista' tkun ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) u (e) TFUE. Malta hi tal-fehma li l-bażi legali xierqa għal emendi għad-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi u għad-Direttiva dwar it-Trasferiment ta' Impriżi hija l-Artikolu 153(2) flimkien mal-Artikolu 153(1)(d) TFUE minħabba li t-tnejn li huma jirrelataw mal-protezzjoni tal-ħaddiema meta l-impjeg tagħhom jiġi terminat. F'konformità ma' dan, l-emendi għal dawn id-Direttivi kellhom jiġu adottati b'deċiżjoni unanima.

Għalhekk, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, filwaqt li tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi li jittejjbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol tal-baħħara, Malta tastjeni milli tivvota.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE, bil-għan li jinkludu l-baħħara fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi t'hawn fuq u dawn ikollhom il-protezzjoni mogħtija minnhom.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa l-oġġettivi tad-Direttiva emendatorja li jittejjbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol tal-baħħara.

Madankollu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiddubita li l-adozzjoni tad-Direttiva tista' tkun ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE flimkien mal-Artikolu 153(1), (b) u (e) TFUE u din issir skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Dan partikolarment japplika għall-emendi għad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 (Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi) previsti fl-Artikolu 4 u l-emendi għad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 (Direttiva dwar id-Drittijiet Miksuba) previsti fl-Artikolu 5.

Mill-perspettiva tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Artikolu 153(2), flimkien mal-Artikolu 153(1)(d) TFUE huwa l-bażi legali xierqa għal emendi għad-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi, u għal emendi għad-Direttiva dwar id-Drittijiet Miksuba peress li jirrelataw mal-protezzjoni tal-ħaddiema meta l-impjeg tagħhom jiġi terminat. Huwa ċar li dan huwa l-qofol tematiku taż-żewġ strumenti li għandhom jiġu emendati. Skont din il-bażi legali, il-Kunsill għandu jadotta d-Direttiva permezz ta' deċiżjoni unanima skont proċedura leġislattiva speċjali. F'konformità ma' dan, id-Direttivi kienu ġew adottati b'deċiżjoni unanima.

Fl-opinjoni tal-Gvern Federali l-enfasi tas-sustanza regolatorja taż-żewġ Direttivi msemmija hawn fuq mhijiex fuq "il-kondizzjonijiet tax-xogħol" (Artikolu 153(1)(b) TFUE) u lanqas fuq "l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema" (Artikolu 153(1)(e) TFUE) li għaliha l-proċedura leġislattiva ordinarja tista' tiġi applikata, jiġifieri li tista' tiġi adottata b'deċiżjoni ta' maġġoranza kwalifikata. Il-Gvern Federali jissottolinja li huwa jikkondividi u jappoġġa l-għanijiet sostantivi tad-Direttiva emendatorja. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għalhekk tapprova l-adozzjoni tad-Direttiva attwali minkejja l-opinjoni legali tagħha dwar il-kwistjoni tar-regola adatta li tirregola l-kompetenza.			
Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kodifikazzjoni) ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1–13	15/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 310, 19.9.2015, p. 2–2	11691/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1734 tat-18 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fit-12-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) rigward ċerti emendi għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) u għall-Appendiċijiet tagħha ĠU L 252, 29.9.2015, p. 43–48		11560/15	

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tqis, minn perspettiva legali, li hija intitolata li tivvota dwar il-punti 8 (Reviżjoni Parzjali tal-COTIF-Konvenzjoni Bażika), 10 (Reviżjoni Parzjali tal-Appendiċi D (CUV UR)), u 13 (Rapport ta' spjegazzjoni rivedut u konsolidat) anke jekk dan imur kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill. Ir-raġuni hija li l-Unjoni ma għandhiex kompetenza f'dan ir-rigward. Id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri hija soġġetta għal kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (kawża C-600/14 D, il-Ġermanja/il-Kunsill). Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Ġermanja ser teżerċita d-dritt tal-vot tagħha fl-Assemblea Ġenerali tal-OTIF, waqt li żżomm il-pożizzjoni legali tagħha u mingħajr preġudizzju għall-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma tidderoga mid-deċiżjoni tal-Kunsill, għalkemm tqis li din id-deċiżjoni hija illegali.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jiddispijaċi li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/... ma tirriflettix il-fatt li l-Unjoni Ewropea tikkondividi l-kompetenza tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-Appendiċi D (CUV UR) u tal-emenda konsegwenzjali għall-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni COTIF, imsemmija rispettivament fil-punti 10 u 8 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Id-diviżjoni tal-kompetenzi li tikkonċerna dawn l-emendi hija soġġetta għall-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-kawża C-600/14, il-Ġermanja/il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi D huma limitati għad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għal kuntratt ta' użu ta' vetturi fit-traffiku ferrovjarju internazzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kompletament distinti minn dispożizzjonijiet regolatorji tal-UE li jirregolaw il-manutenzjoni u s-sikurezza tal-vetturi, u dawn la jistgħu jaffettwaw dawk ir-regoli u lanqas ma jistgħu jbiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

Sabiex ma jantiċipax is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-600/14, ir-Renju Unit qed jastjeni fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni.

Dikjarazzjoni minn Franza

Id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar l-emendi li jirrigwardaw l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija u l-Appendiċi D (Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt ta' Użu ta' Vetturi fit-Traffiku Internazzjonali Ferrovjarju) tal-Konvenzjoni msemmija huma soġġetti għal kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Franza hija parti kkonċernata f'din il-kawża u titlob li l-Qorti tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/699/UE tal-24 ta' Ġunju 2014, b'mod partikolari fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tagħha għal pożizzjoni koordinata għall-emenda tal-Artikolu 12 u peress li hi ssostni l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għall-emenda parzjali tal-Appendiċi D. Għaldaqstant Franza ma tistax tappoġġa l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ladarba l-kawża għadha għaddejja.

Madankollu, Franza hija favur l-adozzjoni ta' dawn l-emendi, kif inhuma deskritti f'din id-Deċiżjoni, mill-Assemblea Ġenerali tal-OTIF.

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1913 tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196) ĠU L 280, 24.10.2015, p. 22–23	11217/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1914 tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (CETS Nru 196) ĠU L 280, 24.10.2015, p. 24–25	11218/15
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ttenni li l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva li tiffirma u tikkonkludi l-Protokoll Addizzjonali li jissupplimenta l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu skont l-Artikolu 3(2) TFUE. Din id-dispożizzjoni tipprekludi lill-Istati Membri milli jiffirmaw u jikkonkludu l-Protokoll. Il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni testendi għall-Protokoll kollu kemm hu, fosthom l-Artikolu 7 tiegħu, li huwa anċillari għad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Protokoll. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tuża l-mezzi legali kollha disponibbli biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Fir-rigward tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-kompetenzi tal-Unjoni mhumiex limitati għall-oqsma koperti mid-Deċiżjoni Qafas dwar it-terroriżmu.	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni possibbli tal-kwartieri ġenerali tal-ICCO minn Londra għal Abidjan	11642/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1570 tat-18 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill dwar il-Kummerċ fis-Servizzi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-approvazzjoni ta' trattament preferenzjali notifikat minn Membri tad-WTO, għajr l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fir-rigward ta' servizzi u fornituri tas-servizzi ta' pajjiżi Membri l-inqas żviluppati, dwar l-applikazzjoni ta' miżuri għajr dawk deskritti fl-Artikolu XVI tal-GATS ĠU L 245, 22.9.2015, p. 6–7	11213/15

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE li tappoġġa l-approvazzjoni tat-trattament preferenzjali mogħti minn Membri tad-WTO għajr l-UE u l-Istati Membri tagħha lil servizzi u fornituri tas-servizzi ta' pajjiżi inqas żviluppati fir-rigward tal-applikazzjoni ta' miżuri għajr dawk deskritti fl-Artikolu XVI tal-GATS ("Aċċess għas-Suq") skont id-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO tas-7 ta' Diċembru 2013 (WT/L/918).

Il-Kummissjoni tinnota li huwa propost li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tiġi adottata dwar din il-kwistjoni permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tqis li Deċiżjoni tal-Kunsill tkun legalment suffiċjenti biex tappoġġa l-approvazzjoni tat-trattament preferenzjali mogħti f'dan il-każ, u li din id-Deċiżjoni separata mhijiex ġustifikata peress li l-kummerċ fis-servizzi tat-trasport jaqa' fil-qafas tal-kompetenzi tal-UE kif definit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju inklużi fin-notifika awtorizzata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill jorbtu biss lill-Irlanda bħala parti mill-Unjoni fejn hija nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa f'dik id-Deċiżjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda u r-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. L-Irlanda ser tiżgura li l-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju tkun permessa f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnejn għall-21 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 21) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għall-11-il sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 11) (Pariġi, 30 ta' Novembru - 11 ta' Diċembru 2015)

12165/15

It-3411-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI), li saret fi Brussell fit-22 ta' Settembru 2015	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146–156	12144/15 L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: CZ, HU, RO, SK Astensjoni: FI